- *TRANZAZZJONI –*
- *SEPARAZZJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Lulju 2002**

**Kawza Numru:  4**
**Citazzjoni Numru: 897/00/RCP**

**Daniela Pelligra mart Salvatore Pelligra f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tat-tifel taghha Jader Pelligra**

**vs**

**Salvatore Pelligra**

**Il-Qorti,**

**<u>I.  PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tat-12 ta' Jannar 2000 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni.

Illi dawn ir-ragunijiet huma ragunijiet gravi u cjoe' ngurji, servizi, theddid u minacci, *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Jader ta' erba' snin;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti tal-**artiklu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili**;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Jader kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza' kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-12 ta' Marzu 2001 a fol. 14 u 15 fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici, ghajr dak accettat aktar 'l isfel f'din in-nota, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-konvenut jaqbel li tigi dikjarata s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti, biss ma jaccettax li din hija attribwibbli ghal nuqqasijiet tieghu.

2. Illi l-konvenut, filwaqt li jaqbel ukoll li ghandha tigi ffissata r-retta alimentarja, umilment jissuggerixxi lil din l-Onorabbli Qorti, li jigi kkonferamt, kemm fl-ammont kif ukoll fil-modalita` tal-hlas, id-digriet ta' l-Onorabbli Sekond' Awla, datat 12 ta' Jannar 2000 u mmarkat bhala Dok. "A".

3. Illi l-konvenut jaqbel mat-tielet talba.

4. Illi l-konvenut ma jaqbilx ma' dak rikjest fir-raba' talba peress li huwa ma kienx responsabbli ghar-ragunijiet li wasslu ghas-separazzjoni.

5. Illi huwa ma jaqbilx mal-hames talba peress illi l-attrici mhix il-persuna idonea li trabbi lit-tifel tal-kontendenti, ghal ragunijiet diversi li jigu ahjar spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza u jitlob li hu jigi afdat il-kura u l-kustodja ta' binhom il-minuri Jader.

6. Illi hu ma jaqbilx mas-sitt talba, hekk kif ser jigi spjegat ahjar mal-kors tal-kawza odjerna.

7. Illi l-konvenut jirrimetti ruhu dwar is-seba' talba.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor

il-provi; tas-17 ta' Settembru 2001; tat-2 ta' Novembru 2001; tad-9 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghal probabbli cessjoni; tas-26 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-18 ta' Gunju 2002 fejn giet differita ghall-ahhar darba ghall-probabbli tranzazzjoni; u tas-26 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Edwina Grima ghall-attrici pprezentat nota li abbazi taghha saret it-tranzazzjoni bejn il-partijiet u talbet li tinghata sentenza fuq l-istess. Il-kawza giet differita ghall-lum 4 ta' Lulju 2002 ghas-sentenza.

Rat l-istess nota tal-attrici tas-26 ta' Gunju 2002 li biha esebiet rikors bil-ftehim milhuq bejn il-kontendenti, fejn esponew:-

1. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Jader, iben il-kontendenti ghandu jigu fdat f'idejn omm l-attrici Daniela Pelligra, b'dana madanakollu illi l-konvenut, missier il-minuri ghandu jkollu access ghalih *ai termini* tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Gunju 2001 u cjoe' bil-mod segwenti:

A. L-access ghal-minuri Jader mill-konvenut ghandu jigi ezercitat gewwa Sqallija u cjoe' barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Gzejjer bejn it-12 u s-26 ta' Awissu u alternattivament kull sena bejn l-20 u s-27 ta' Dicembru jew bejn id-29 ta' Dicembru u l-5 ta' Jannar.

B. Ghandu jinhareg passaport ghal minuri Jader limitatament ghal perjodu ta' zmien indikat hawn fuq. Is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ghandha tigi nnotifikata lill-Ufficjal Principali tal-Passaporti, lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u lis-Sea Terminal gewwa l-Marsa, kif ukoll lill-Ambaxxata Taljana gewwa l-Furjana.

C. Il-minuri Jader ghandu jittiehed Sqallija fil-granet miftiehma, mill-konvenut Salvatore Pelligra li ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tieghu, filwaqt illi ghandu jingabar minn gewwa Sqallija mill-attrici Daniela Pelligra. Salvatore Pelligra ghandu jhallas l-ispejjez kollha nkorsi kemm minnu stess biex jiehu lill-minuri mieghu ghall-access kif miftiehem, kif ukoll dawk kollha nkorsi mill-omm Daniela Pelligra meta tmur biex tigbor lil binha minn gewwa Sqallija.

2. Il-Konvenut Salvatore Pelligra ghandu jhallas lill-attrici Lm110 fix-xahar bhala manteniment, liema ammont ghandu jigi diviz bil-mod segwenti. Lm80 fix-xahar ghandhom jithallsu bhala manteniment ghal minuri Jader, filwaqt illi Lm30 fix-xahar ghandhom jithallsu bhala manteniment ghall-attrici Daniela Pelligra. L-ispejjez kollha in konnessjoni mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, li ghandhom konguntivament bejniethom jiehdu kwalsiasi decizjoni in konnessjoni mat-trobbija tal-minuri.

3. Il-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xjolta u diviza bil-mod segwenti:

A. Il-mobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Pelligra konsistenti f'ghamara u mutur ser jigu assenjati lill-konvenut Salvatore Pelligra li min-naha tieghu ghandu jhallas is-somma ta' Lm1,200 lill-attrici u dan ghas-saldu ta' sehemha mill-oggetti ndikati.

B. L-attrici ghandha tiehu l-oggetti kollha taghha personali li ghadhom jinsabu gewwa Sqallija.

4. Is-separazzjoni ghandha tigi ppronunzjata abbazi ta' ksur irrimedjabbli taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti minghajr attribuzzjoni ta' tortijiet lil xi wiehed mill-kontendenti.

Illi ghalhekk il-partijiet qabblu illi din l-Qorti joghgobha tippronunzja s-sentenza taghha abbazi ta' dak miftiehem bejn il-kontendenti konjugi Pelligra kif hawn fuq indikat.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-10 ta' Mejju 2000.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-22 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2000, 23 ta' Jannar 2001, 12 ta' Marzu 2001, u 14 ta' Mejju 2001 fl-atti tal-istess rikors, li llum qed jinzamm u ghandu jibqa' jinzamm mal-atti tal-istess kawza.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 18 ta' April 2001.

Rat ir-rikors kunguntiv bejn il-partijiet fejn l-istess qabblu dwar l-istess access tal-minuri mal-konvenut.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta' Gunju 2001 fejn l-access tal-minuri mill-konvenut gie ffisat skond il-ftehim bejn il-partijiet.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-10 ta' Novembru 2000.

Rat ir-risposta attrici tat-28 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 2001, u 12 ta' Lulju 2001.

Rat id-Digriet tat-12 ta' Lulju 2001 fejn il-Qorti diversament presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjonu ulterjuri tal-istess rikors *stante* li l-konvenut ddikjara li ma ghandux iktar interess fl-istess rikors.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' *in parte* l-eccezzjonijiet tal-

konvenut in kwantu biss l-istess huma konsistenti ma dak pattwiet bejn il-partijiet, u abbazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet **tilqa' t-talbiet attrici** biss kif hawn indikat kollox abbazi ta' dak pattwiet bejn il-partijiet b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti *stante* il-ksur irrimedjabbli taz-zwieg u b'dan ghalhekk li l-hajja mizzewga bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli.

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici fl-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin fix-xahar (Lm110) b'dan li l-konvenut Salvatore Pelligra ghandu jhallas lill-attrici l-istess somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar bhala manteniment, liema ammont ghandu jigi diviz ghal tmenin lira Maltija (Lm80) fix-xahar li ghandhom jithallsu bhala manteniment ghal minuri Jader, filwaqt illi tletin (Lm30) fix-xahar ghandhom jithallsu bhala manteniment ghall-attrici Daniela Pelligra. L-ispejjez kollha in konnessjoni mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, li ghandhom konguntivament bejniethom jiehdu kwalsiasi decizjoni in konnessjoni mat-trobbija tal-minuri.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u *stante* li l-ftehim bejn l-istess partijiet ghanda issir is-segwenti assenjazzjoni tal-istess oggetti li jikkomponu l-istess:-

(a) Il-mobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Pelligra konsistenti f'ghamara u mutur ser jigu assenjati lill-konvenut Salvatore Pelligra li min-naha tieghu ghandu jhallas is-somma ta' Lm1,200 lill-attrici u dan ghas-saldu ta' sehemha mill-oggetti ndikati.

(b) L-attrici ghandha tiehu l-oggetti kollha taghha personali li ghadhom jinsabu gewwa Sqallija.

4. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti tal-**artiklu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili**;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri f'idejn l-attrici madanakollu l-konvenut, missier il-minuri ghandu jkollu access ghalih *ai termini* tad-digriet moghti minn din l-Qorti fil-5 ta' Gunju 2001 u cjoe' bil-mod segwenti:-

(i) L-access ghal-minuri Jader mill-konvenut ghandu jigi ezercitat gewwa Sqallija u cjoe' barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Gzejjer bejn it-12 u s-26 ta' Awissu u alternattivament kull sena bejn l-20 u s-27 ta' Dicembru jew bejn id-29 ta' Dicembru u l-5 ta' Jannar.

(ii) Ghandu jinhareg passaport ghal minuri Jader limitatament ghal perjodu ta' zmien indikat hawn fuq. Is-sentenza ta' din Qorti ghandha tigi nnotifikata lill-Ufficjal Principali tal-Passaporti, lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u lis-Sea Terminal gewwa l-Marsa, kif ukoll lill-

Ambaxxata Taljana gewwa l-Furjana u dan a spejjez tal-istess zewg partijiet.

(iii) Il-minuri Jader ghandu jittiehed Sqallija fil-granet miftiehma, mill-konvenut Salvatore Pelligra li ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tieghu, filwaqt illi ghandu jingabar minn gewwa Sqallija mill-attrici Daniela Pelligra. Salvatore Pelligra ghandu jhallas l-ispejjez kollha nkorsi kemm minnu stess biex jiehu lill-minuri mieghu ghall-access kif miftiehem, kif ukoll dawk kollha nkorsi mill-omm Daniela Pelligra meta tmur biex tigbor lil binha minn gewwa Sqallija.

6. Tasstjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba.

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza' kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tad-Digriet tal-5 ta' Gunju 2001 ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewgt partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Lulju 2002**

**_4 ta' Lulju 2002 (RCP)_**